**Konferenza ta' l-aħbarijiet – 15 ta' Ġunju 2021**
Dr Robert Aquilina – President, NGO Repubblika

**Il-korruzzjonji fl-elezzjonijiet tagħna**

**L-aktar element bażiku ta' demokrazija** li tiffunzjona huma elezzjonijiet ħielsa u ġusti. Biex elezzjoni jew votazzjoni jkunu ġusti, il-parteċipanti jeħtieġu kundizzjonijiet ekwi, kemm fuq livell ta' kandidati individwali u anke fuq livell ta' partiti politiċi.

F'Malta, **l-abbuż** minn dak li popolarment nirreferu għalih bħala ***power of incumbency*** mhux problema ġdida. Iżda ċertament din mhix skuża biex ma nisfidawx l-istatus quo u t-tolleranza mifruxa għal din it-tip ta' mġiba ħażina.

Bla ebda dubbju, xejn ma jgħin f'dan ir-rigward il-fatt li l-elezzjonijiet huma fil-kompetenza kważi esklussiva tal-politiċi stess.

Lanqas ma jgħin il-fatt li **r-regoli dwar l-imġiba ta' gvern caretaker**, biex tkun żgurata separazzjoni bejn ir-riżorsi tal-Istat u tal-kampanja partiġġjana, u biex jiġu definiti l-prattiċi korrotti fil-proċess elettorali, huma ineżistenti jew, jekk jeżistu, huma vagi jew ilhom għexieren ta' snin ma jinbidlu.

**Il-Liġi Maltija tipprojbixxi li persuna** "tagħti, tislef jew tiftiehem li tagħti jew tislef, jew toffri, twiegħed jew twiegħed li tipprokura jew li tfittex li tipprokura, flus jew xi ħaġa li tiswa l-flus" lil jew għal xi votant. Din l-imġieba taħt il-liġi tagħna **tammonta għal korruzjoni**.

Iżda aħna lkoll nafu li dawn il-prattiċi huma komuni ħafna f'pajjiżna u huma l-qofol ta' ħafna mill-konverżazzjonijiet li l-kandidati politiċi jkollhom mal-kostitwenti tagħhom fl-uffiċċji distrettwali jew waqt żjarat fid-djar. Dawn il-konverżazzjonijiet ħafna drabi jkunu stimulati minn talbiet espliċiti tal-votanti għal "favuri" jew "irranġar" għal impjiegi mas-settur pubbliku, kuntratti, permessi jew liċenzji.

Allura **l-klijenteliżmu**, meqjus bħala rekwiżit ordinarju tal-proċess politiku tagħna, huwa pprojbit bl-aktar mod ċar fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-piena għal dawn is-sitwazzjonijiet hi multa, ħabs u li dak li jkun jitlef is-siġġu parlamentari tiegħu.

Mhux aċċettabbli li l-istituzzjonijiet tal-Istat inkarigati biex jinfurzaw id-disposzzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-klijenteliżmu u l-politika tranżazzjonali **joqogħdu jdejhom fuq żaqqhom**. Din l-inazzjoni hi waħda mir-raġunijiet għalfejn il-korruzzjoni hi aċċettata b'mod mifrux ħafna fis-sistema elettorali tagħna. Min iwettaqha għandu ċ-ċertezza li ser igawdi minn impunità sħiħa.

Daqstant ieħor huwa **inaċċettabbli l-użu ħażin tal-fondi pubbliċi meta tkun qed toqrob l-elezzjoni ġenerali**. Naraw li jiżdied il-materjal pubbliċitarju mill-ministeri u aġenziji tal-gvern. Jintensifikaw ix-xogħlijiet pubbliċi fil-kostitwenzi tal-ministri li għandhom aċċess għal riżorsi tal-Istat biex iwettquhom.

Hu ta' għajb għall-**klassi politika Maltija li b'nuqqas gravi ta' maturità, serjetà u onestà ma tasalx hi stess biex twaqqaf dawn il-prattiċi inaċċettabbli**.

Fid-dokument li qed nippubblikaw illum, apparti li nidentifikaw abbużi fis-sistemi u l-prattiċi li jeżistu preżentement, **ngħidu wkoll x'bidliet nixtiequ naraw**. Fosthom hemm is-segwenti:

- Nistennew li **l-liġi viġenti ma tibqax tiġi injorata**. Qabel ma jsir kwalunkwe tibdl, irridu naraw li l-liġi preżenti titħaddem u tkun infurzata. Jista' ikun li l-General Elections Act tal-1939 għandha bżonn tindifa. Iżda l-għan tagħha għadu validu anke fil-preżent: dak li jaqta' il-korruzzjoni u abbużi oħra.

  Allura nistennew li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jinfurzaw il-liġi kif inhi u li b'mod attiv jinvestigaw u jaġixxu kontra l-korruzzjoni fl-elezzjonijiet.

  Aħna jidhrilna wkoll li aġenziji bħall-Kummissjoni Elettorali u l-Korp tal-Pulizija huma fid-dmir li jinfurmaw lill-pubbliku bid-drittijiet u bl-obbligi tiegħu u bid- drittijiet u bl-obbligi tal-politiċi tiegħu. Parti ewlenija mill-konformità mal-liġi hija l-għarfien dwarha.

- Ilu bosta snin ma jkun hawn allegazzjnijiet ta' tbgħabis fl-elezzjonijiet. Dan hu dovut għall-fatt li l-partit politiċi

jissorveljaw attivament u b'mod effettiv dan il-proċess demokratiku. Dan hu tajjeb u hu importanti li jibqa' iseħħ.

**Iżda dan ifisser ukoll li dak li l-partiti jinjoraw, ma jissorveljah ħadd**.

Allura nistennew **titjib fir-riżorsi disponibbli għall-midja indipendenti u għas-soċjetà ċivili** biex ikunu jistgħu jissorveljaw it-twettiq tal-kampanji u tal-elezzjonijiet u jiddenunzjaw l-imġiba mhux etika.

Baraminnhekk, **nitolbu li l-proċess elettorali Malti jkun miftuħ għal osservaturi li mhumiex affiljati mal-partiti politiċi**. Nargumentaw ukoll li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu mistiedna bħala osservaturi tal-elezzjonijiet f'Malta, u għandhom jiġu allokati fondi biex isir monitoraġġ tal-konformità mal-liġijiet u l-istandards eżistenti.

Nipproponu wkoll **reviżjoni tas-sorveljanza tal-elezzjonijiet**. Dan għandu jsir, fost l-oħrajn, billi tinbidel il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali b'tali mod li filwaqt li tiżgura l-indipendenza u n-newtralità, **tissodisfa l-aspettattiva ta' standards ogħla fil-ħajja pubblika u ġlieda ġenwina u spiritwża kontra l-korruzzjoni fil-proċess elettorali**.

- Mill-ġdid **nipproponu li jkollna parlament b'terminu fiss**, biex jitneħħa komponent sinifikanti tas-setgħa inġusta tal-kariga li għandu l-mexxej tal-partit fil-gvern li jiddetermina d-data tal-elezzjoni ġenerali, bil-vantaġġ strateġiku konsegwenzjali fuq il-partiti rivali li m'għandhom l-ebda rwol fid-deċiżjoni.

- Nemmnu wkoll li mill-bidu tal-ħames sena tat-terminu ta' Parlament, jew mid-data meta titħabbar l-elezzjoni jekk din issir qabel, **għandhom jiskattaw mekkaniżmi li jagħmluha aktar diffiċli li jkun hemm abbuż mill-power of incumbency** fit-tiġrija elettorali. U allura nipproponu li jkun illegali li:

  a. il-gvern jagħmel ħatriet mhux essenzjali f'entitajiet pubbliċi;

b. il-gvern jibda proċessi tal-għażla għal promozzjonijiet jew għal ħatriet f'entitajiet pubbliċi;

c. jinħarġu permessi għall-iżvilupp jew li ssir xi azzjoni oħra tal-Istat relatata ma' dan, b'rata aktar mgħaġġla mill-medja fi żmien ieħor tal-leġiżlatura; jew

d. titwarrab art pubblika għal interess privat.

- Nappellaw li **l-kompetenza tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tiġi estiża biex isir monitoraġġ tal-użu u l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi għall-kampanjar partiġġjan**.